MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 575/2012

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fit-tletin (30) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999) (Ara c-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala 'Dok. A') u minn dan iz-zwieg twieled tifel Mateo;

Illi l-partijiet ilhom legalment separate b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Elsa Cardona sa mis-sittax (16) ta'

Lulju tas-sena elfejn u erbgha (2004) (Ara l-kuntratt ta' separazzjoni anness u mmarkat bhala 'Dok. B');

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohrajn;

Illi l-partijiet iddekadew mill-obbligu tal-manteniment reciproku skond l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali ai termini tal-Artikolu numru tlieta (3) tal-imsemmi att ta' separazzjoni u ghalhekk l-ebda manteniment mhu dovut;

Illi l-esponenti obbliga ruhu li jivversa manteniment ghall-minuri Mateo fl-ammont ta' tmenin lira (LM80) fix-xahar ekwivalenti ghall-mija u sitta u tmenin ewro u hamsa u tletin centezmu (Ewro 186.35), u liema manteniment ghandu jizdied bi hmistax-il-lira (Lm15) ekwivalenti ghall-erba` u tletin Ewro u erba` u disghin centezmu (Ewro34.94) kull erba' (4) snin sa meta l-minuri jaghlaq it-tmintax-il sena (18), u dan ai termini tal-Artikolu numru tlieta (3) tal-imsemmi att ta' separazzjoni;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

(2) tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Novembru, 2012;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;
Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separatimis-16 ta' Lulju 2004 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------